FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 15**

**Avviz. numru 617/02JR**

**Hi-Timber Company Limited**

**vs**

**Joseph Gouder**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fit-13 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u tnejn u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1042.40), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici, liema hlas irid isir flimkien mal-imghax relattiv dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-data ta' kull "invoice" relattiva sal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-2 t'April, 1997, kif ukoll taz-zewg ittri ufficjali tas-7 t'Awissu, 1997, u ta' l-20 ta' Novembru, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont kif mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tnejn u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1042.40) bl-imghaxijiet legali mis-7 t'Awissu, 1997.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-2 t'April, 1997, kif ukoll taz-zewg ittri ufficjali tas-7 t'Awissu, 1997, u ta' l-20 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**